# Kunsill Lokali Gżira

20 ta' Marzu 2021

**Ref Nru. 27/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 27/2021 li saret it-Tlieta 23 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Hugh Caruana u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttivv Claire Goodlip u D/Segretarju Eżekuttiv Anthony Attard

**Skuzati**

N/A

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 20 ta' Marzu 2021

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

27.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**27.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 23 ta' Frar 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

27.2.2 Paġna Nru.2 para 25.2.2 – Scaffolfing mingħajr permissi. – Il-Kunsillier N.Chetcuti irrapporta li l-informazzjoni kollha fuq scaffoldings bla pemess ġiet mogħdija lill-amministrazjoni. Il-kunsill qabel li għandu jiġi ivverificat liema passi skont il-liġi għandhom jittieħdu u jieħu passi skond il-linji gwida.

27.2.3 Paġna Nru.2 para 25.2.2 – Laqgħa mal-Enemalta – Il- Kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-laqgha li kellha issir mal-EneMalta, fejn is-Sinku stqar li l-ahjar biex il-Kunsill jieħu parir fuq id-dawl tat-toroq hu li l-Kunsill jitkellem ma espert u jieħu parir għal-ahjar mod kif jinbidel kif mixtieq.

27.2.4 Paġna Nru.2 para 25.2.3 – Ittra lil Kappillan – Is-Sindku ikkonferma li l-ittra lil Kappillan għadha ma sarietx. Hawn il-Kunsilleir N. Cethcuti staqsa dwar il-laqgha li kellha issir mal-kappillan. L-Agent Seġretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill kien qabel li din il-laqgħa tigi ipposponuta minhaba il-pandemija.

27.2.5 Paġna Nru.4 para 25.2.15 - Il-Kunsillier N.Cethcuti tenna li l-urgenza biex issir din il-laqgħa, huwa sabiex jigi diskuss il-problema ta' l-gheluq ta' Triq Manoel De Vilhena waqt il-funerali. Huwa issugerixxa li tinħoloq sistema mal-paroċċa fejn jinzammu 'parking spaces' apposta f'kas biss ta' funeral. Il-Kunsilliera qablu li minhabba il-problema ta' parkegg li hemm fil-lokalita, din tista tohloq problema lir-resident.

27.2.6 Zebra Cross Temporanji – Il-Kusillier J.Cardona semmha li fit-Triq Gianni Benchini għad hemm Zebra Cross's temporanji fejn i-x-xogħol tal-kostruzzjoni tlesta. Dawn qed inaqsu il-parkegg lir-residenti, għaldaqstant il-kunsill qabel biex jitnehhew.

27.2.7 Bankijiet ghal-Health Care Centre Temporanju– Il-Kunsillier J.Cardona semmha il-htieġa li jsiru bankijiet fl-inħawi tal-Health Care Centre Temporanja (Triq San Albert). Il-Kunsilliera qablu li minhabba is-'Socail Distancing' il-bankijiet mhumiex fattibli.

27.2.8 Pjazza Meme Scicluna – Il-Kunsillier J.Cardona semmha il-progett ta' rinovar li kellu jsir Pjazza meme Scicluna u li jkun tajjeb li jitlesta flimkien mar-restar tal-Health Care Centre. Is-Sindku semmha li jkun tajjeb li dan il-progett jiġi diskuss ma ST Properties (Stivala), fejn dan il-progett jista jiġi iffinanzjat mil-Planningroperty Gains li għandu jagħti St Propoerties lill-Planning Authority.

27.2.9 Paġna Nru.5 para 25.3.5 – Tower Crane ta' Belvedere – Il-Kunsillier R.Mangion innota li f'Belvedere it-tower crane ghadu ma ittellax imma sar biss il-konkos kemm ghalaq t-triq. Il-Kunsilleir S.Farrugia fakkar li s-sid għandu permess mil-Lands għal-sena u is-Seġretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-kuntrattur qiegħed ihallas il-permess tal-crane ukoll. L-ammont li qed jithallas huwa ta hmistas il-euro (€ 15) kuljum u ikkonfermat li ilu jithallas mil-ħdax (11) ta' Frar 2021.

27.2.10 Paġna Nru.2 para 25.2.4 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Cetchuti staqsa ghal aġġornament tal-Public Convenience. Is-Sinku semmgħa kif saret laqghat ma tal-Bus Stop Kiosk, fejn issemha li l-Kunsill irid jagħmel restawr totali u jigi imqabbad 'Attendent' tul il-ħinijiet kollha li tt-ali Public Convenience tkun miftuħa. Bus Stop Kiosk qabel mal-Kunsill u jaccetta li jħallas nofs l-ispiża tal-'Attendent'. Is-Sinku semmgħa ukoll l-idea li flok zewġ bibien isir wiehed principali, fejn ikun hemm biss bżonn ta' 'Attendent' wieħed mhux tnejn u b'hekk l-ispiża tinzamm baxxa. Fuq din il-kwistjoni il-Perit diġa ikkonferma li ma hemmx bzonn ta' Full permit. Gie issuggerit ukoll li l-użu tal-public convenience tiġi bi ħlas ta ċirka 50c u b'hekk jitnaqqas l-abbuż.

L-Agent Seġretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li il-fondi li kien hemm allokati għal-restawr ta' l-iskola (Lesa), kellhom jintużaw sa l-ahhar ta' Mejju, għaldaqstant saret talba biex dawn il-fondi jintuzaw għar-restawr tal-Public Convenience, u din it-talba ġiet accettata mir-Reġjun Centru. L-ammont allokat huwa ta' € 8,600.

27.2.11 Paġna Nru.3 para 25.2.5 – Junction Box – L-Agent Segratarju Eżekuttiv ikkonfermat li saret talba lil Infrastructure Malta, madanakollu għadha ma ingħatatx risposta.

27.2.12 Paġna Nru.3 para 25.2.7 – Il-Problema tal-Hammiem – Il-Kunsillier N.Cethcuti semmgħa li l-Assocjazjoni tal-Kunsilli Lokali qedin jaħdmu fuq skema sabiex tissolva din il-problema. Iktar informazzjoni għandha tingħata mil-Assoċjazzsjoni stess fil-jiem li ġejjin.

27.2.11 Paġna Nru.3 para 25.6.5 – Korsijiet tal-ECDL– Il-Kunsill iddiskuta il-proposta tat-TCTC għal-korsijiet tal-ECDL, u iddecida li jaċċetta din il-proposta.

27.2.12 Paġna Nru.3 para 25.6.5 – Ibins – L-Aġent Segretarju Ezekuttiv informa lil Kunsill li l-GreenPak bagħtu il-proposta taħhom fuq l-IBINS. Il-għan ta dan il-progett huwa li il-Kunsill Lokali tal-Gżira jipprovdi serviżż ta' reciklagg aktar effiċenti minn dak li hemm preżenti u li jissodisfa l-eżiġenżi tal-lokalita fil-present, b'mod sostenibli u prattiku. Għaldaqstant qiegħed jipprogetta li jinħolqu zoni ġodda ta' reciklagg madwar il-lokalita; Triq tas-Sliema; Triq Reggie Miller; Pjazza Meme Scicluna; Triq il-Forti Manoel. Dawn iż-żoni ta' reciklagg sa jkunu jikkonsistu minn iBins għal plastik, metall, karta u ħġieġ, bins taħt l-art għal-iskart organiku w għal batteriji portabbli u / jew oġġetti elettriċi żgħar, kif ukoll smart bins. Il-proġett jutiliżża sistemi maħluqa apposta li jiffacilitaw il-monitraġġ kemm b'kameras integrati, kif ukoll b'informazzjoni provduta live għal-immanigjar tal-iskart effiċjenti u bl-inqas impatt kemm għar-residenti u anki fuq l-ambjent. Dan il-proġett huwa maħsub kemm għar-residenti kif ukoll għan-neġozju, fejn jipprovdi servizz speċifiku għal kull ezigenza fil-lokalita. Il-proġett huwa sostenibli għal fatt li s-servizz għan-negozju ser irendi gwadan monitarju li bih ser terġa tgawdi il-lokalita b'investiment xieraq ta' servizzi alternattivi oħra. L-ispiza ta dan il-proġett hija ta' € 233,750 + VAT, fejn 85% se jigi iffinanzjat mil-Gvern Lokali u 15% mil-GreenPak. Għaldaqstant il-kunsill għamel t-talba tieghu għal dawn il-fondi fis-16 ta' Frar u qiegħed jistenna risposta.

27.2.13 Cameras tat-Toroq – Fir-rigward il-cameras fit-toroq, l-Agent Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li sar meeting ma persuna fis-settur fejn spjegat fiex tikkonsisti sistema ta' cameras fit-toroq. L-istess persuna baghtet kwotazzjoni biex b'hekk il-kunsill ħa idea ta ftit mil-ispiza. Is-segretarja staqsiet lil-Kunsilliera fejn għandhom isiru dawn il-cameras, biex b'hekk tkun tista torganiżża Site Visit u tieħu iktar idea ta x'hemm xogħol involut u anki iktar spejjez. Update ohra tingħata fil-laqgħa li jmiss.

27.2.14 Paġna Nru.4 para 25.2.13 – Laqgħa mal-Pulizija – Il-Kunsilliera qablu li il-prezenża tal-pulizija fil-lokalita hija ineżistenti. Għaldaqstant il-Kunsill iddecieda li jibgħat talba ufficjali għal-Community Police.

27.2.15 Sala Marion Monaco – Il-Kunsilliera urew l-interess li jroddu ħajr lil Marion Monaco. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament li jsemmi is-sala ta' Savoy Gardens għalija.

27.2.16 Update – Minuti tal-Laqgħa Urġenti – L-Avukata Dr Claire Bonello għamlet l-Objection fis- 16 ta' Frar kif kien miftiehem mal-Kunsill. Il-Kunsill gie magħruf b'dan b'email mibgħutha fit-18 ta' Frar 2021. Madanaakollu l-Agent Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsill li il-permess tal-Learning School bil-faċilitajiet kollha, ġie imgedded wara ħames snin, u b'avvizz li ħareg fl-2020, il-permessi kollha ġew imgeddin mil-Awtoritajiet tal-Ippjanar għal tliet snin ohra minħabba il-pandemija.

27.2.17 Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 25 u nru. 26 jiġu approvati. Il-kunsillier J.Cardona ssekondaħ.

**25.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

27.3.1 Street Naming – F'Legislatura preċedenti kien hemm talba biex Triq San Ġorġ jinbidel l-isem għal Triq Albert Rizzo. Din it-talba kienet ġiet imresqa mil-Kunsillier W.Hewitt u il-familjari ta' Albert Rizzo stess. Il-proposta tad-dipartiment tal-Street Naming hija li t-triq tinqasam u nofsha tissemha San Ġorg u in-nofs l-ieħor Albert Rizzo. Il-Kunsill ma qabilx, għadaqstant din id-deċizjoni ġiet ipposponuta għal-laqgħa li jmiss.

27.3.2 Sleeping Police - Il-Kunsill iddiskuta il-bżonn ta' sleeping police biex jitnaqqas l-ammont ta' incidenti f'ċertu toroq tal-Gżira. Għaldaqstant il-Kunsill iddecieda li jitlob talba lil Transport Malta għal żewġ sleeping police fit-Triq Ried, waħda qabel Triq Carlo Manche u oħra qabel Triq Cameron. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jsiru żewg sleeping police ohra fit-Triq Reggie Miller.

**27.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

27.4.1 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa update rigward il-Loading/Unloading Bays. L-Agent Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li qabel ma jinbidlu il-ħinijiet kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill irid igieb il-permess minn Transport Malta. Is-Segretarja talbet il-lista ufficjali lil TM sabiex il-Kunsill ikollu lista fuq xiex jista jimxi. Il-Kunsill iddecida li jiddiskuti u jieħu passi kas b'kas.

27.4.2 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa update dwar il-permessi tal-ħwienet fi Triq x-Xatt. L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurma lil-Kunsill, li ittieħdu ir-ritratti kollha meħtiga biex isir ir-rapport lil Transport Malta. Dan ir-rapport sar, imma il-Kunsill gie infurmat li il-kuntatt li kellna ma' għadux jaħdem hemm, allura l-ilment ħadu f'idejh ħaddieħor. Sa qabel ma' bdiet il-laqgħa, il-Kunsill kien għadu ma ħa l-ebda tip ta' rispost.

27.4.3 Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa fuq il-wardens, għaliex filli ma kienu jinfurzaw xejn, filli qedin jagħtu iċ-ċitazzjonijiet bl-addoċċ. Il-Kunsilliera argumentaw li l-problema ta' parking ma tgħinx is-sitważżjoni. Barra minn hekk fuq skart u is-siti ta' konstrużżjoni ma hemmx infurżar bizzejjed.

27.4.4 Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa ukoll fuq il-PQ li saret il-parlament, rigward il-pagamenti tal-Lesa, u għalfejn dawn ma' tħallsux. Is-Sindku infurma lil

Kunsill li l-LESA riedu li l-pagamenti isiru online. Barra minn hekk il-Lesa talbu ukoll li jsiru il-pagamenti wiehed wiehed. Din it-talba kienet sa tiswa lil-Kunsill f'ammont kbir ta' Bank Charges, u għaldaqstant il-Kunsill irrifjuta li jagħmel il-pagament b'dawn it-talbiet. Il-LESA ma tagħux risposta jew direzzjoni lil Kunsill u il-Kunsill iddeċida li qabel ma jieħu risposta ma jaqbadx u jagħmel pagamenti bl-addocc. Il-Kunsillier S. Farrugia semmgħa li għal din ir-raguni l-LESA waqqfu is-servizz tal-Wardens. Hawn is-Sindku infurma li hu stess kellem l-CEO tal Lesa fejn argumentha li il-Kunsill ma kellux it-tort kollu, għaldaqstant talab biex jerġa jingħata s-servizz u dan accetta. Is-Sindku infumah ukoll li minħabba li kien hemm biddla fis-Segretarju Eżekuttiv, il-pagament ma setax isir qabel tasal l-internet key tal-bank il-gdida. Is-Sindku ikkonkluda billi jgħid li il-process mal-bank sar kollu minn naħa tal-kunsill u li fi zmien qasir ikun jista jsir il-pagament kif imwiegħed.

27.4.5 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa x'inhi r-raguni għalfejn kunsilliera ma humiex jingħataw l-opportunita li jattendu għal-laqgħa l-kunsill. Is-Sindku irrisponda billi fhiem lil kunsilliera li min ikun qieghed d-dar isegwi il-laqgha ma jkun jista jifhem xejn u li ma huwiex sew fil-konfront ta dawk il-kunsilliera li ma jistawx jigu il-kunsill għal-raġuni ta' saħħa.
Mizjuda – Il-Kunsillera J.Borg kienet staqsiet jekk il-laqgħa setatx isir il-Kunsill bl-Ipads. Is-Sindku qal li dan ma setax isir minħabba il-microphones tal-Ipad jispiccaw jaqbdu lil xulxin u jinħoloq konfużjoni.

19:25 – Il-Kunsillier J.Cardona telaq mil-laqgħa. – Emenda – Il-Kunsillier J.Cardona tela mil-laqgħa għax ħaseb li ħa jintfielu il-microphone u jibqa mitfi.

## 27.5 Rapporti

27.5.1 Il-Kunsillier S.Farrugia staqsa għar-rapporti tal-Contracts Manager. Ir-Rapporti gew ipprezentati u il-Kunsillier S. Farrugia kompla jzied li ir-rapporti intalbu biex jekk ikun hemm xi mistoqsijiet dwar il-kuntratturi, il-Kunsill ikun jista jirreferi għalihom. Għaldaqstant dawn ir-rapport ha jiġu preżentati kull xahar.

## 27.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

27.6.1 Proposta Notebook Centre – L-Agent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li n-Notebook Centre ħa jagħti update ta kemm marru nies għas-servizz kull tliet xhur. Il-Kunsill iddecieda li jmexxi bil-proposta

27.6.2 Facebook/Messenger Chats– Il-Kunsiller S.Farrugia staqsa jekk il-messaggi fuq Messenger humiex jiġu segwieti. Hu semmgħa ukoll li

għalkemm fl-imgħoddi kien hemm xi problemi, dan l-aħħar ma semgħax gar. L-Agent Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li il-messenger qiegħed jigi immoniterjat kontinwament.

**25.7 Update Proġetti ta' l-Ewropa**

25.7.1 Minħabba li il-ħin kien ristrett, dan l-update minn Fabian Borg ġie pospost għal-laqgħa li jmiss (Nru. 28).

**25.8 Bye Law: Kostruzzjoni**

25.8.1 Is-Sindku semmha li il-bye laws iridu jiġu reveduti, għaldaqstant ippropona laqgħa. Il-Kunsillier R.mangion, N.Cetchuti, H.Caruan u is-Sindku flimkien mas-Segretarju għandhom jattendu għal din il-laqgħa.

19:41 – Il-Kunsillier A.Zammit giet skuzat biex jitlaq mil-laqgħa.

**27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

27.9.1 Il-kunsillier I. Buhagiar ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier R. Mangion ssekondaħ.

**25.10 Mozzjonijiet**

25.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**25.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.11.1 Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.00pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu fil-5pm.

Konfermati, illum 23 ta' Marzu 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv